TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

CCT/23/18/S

David Farrugia, Enrica Aquilina u Emanuel Farrugia
vs
Anthony Zarb

Illum, 22 ta'Novembru,2018.

It-Tribunal,

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat nhar il-15 ta' Frar 2018;

Ra li l-intimat ghalkemm debitament notifikat, ma ppreżenta ebda Risposta jew xi forma oħra ta' sottomissjoni u lanqas ma deher għas-seduti relattivi;

Ra s-sottomissjonijiet kollha li saru u d-dokumentazzjoni kollha li ġiet ippreżentata;
Sema' lix-xhieda li tressqu u t-trattazzjoni finali li saret fis-seduta tat-30 ta' Awwissu 2018.

Ikkunsidra:

Illi skont l-Avviż tat-Talba, ir-rikorrenti talbu l-ammont ta' tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300) *stante* xogħlijiet ta' kostruzzjoni u alterazzjonijiet f'dar li l-intimat kellu jwettaq. Fis-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018, dan l-ammont tnaqqas għal elfejn u erba' mija u ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,485.32). Ir-rikorrenti naqqsu t-talba tagħhom skont stima tal-valur ta' xogħol li l-intimat kien diġà wettaq, liema stima saret mill-Perit Julian Borg.

Illi fix-xhieda tiegħu, David Farrugia spjega li wara li l-intimat kien mar fil-post biex jara x-xogħol kellu jsir, hu kien ħallas lill-intimat is-somma ta' sitt mitt Ewro (€600.00) bħala depożitu. Skont ir-rikorrent, l-intimat talab ġimgħatejn żmien qabel jibda x-xogħol *stante* li kellu jlesti xi xogħlijiet f'post ieħor. L-

intimat, fil-fatt, beda' x-xogħlijiet wara tlitt ġimgħat. Madwar ġimgħatejn wara li beda x-xogħlijiet, talab lir-rikorrent David Farrugia jħallas elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) (oltre d-depożitu diġà mħallas) *stante* materjal li kellu jixtri. Jidher li l-intimat xtara xi xibka għas-saqaf li minn indaġini tar-rikorrent jidher li prezzha kien madwar tlett mija u erbgħin Ewro (€340.00). Ir-rikorrent kompla jixhed li wara dan, l-intimat ikkuntattjah u nfurmah li ma setax jiġi jaħdimlu *stante* problemi familjari. Jidher li r-rikorrent aċċetta dan iżda ried lura l-flus li kien ħallas. Ir-rikorrent u l-intimat iltaqgħu numru ta' drabi iżda kien kollu għal xejn, fis-sens li l-intimat qatt ma tahom xi flus lura. Ir-rikorrent kompla jixhed li meta nbdew dawn il-proċeduri, l-intimat ikkuntattja lir-rikorrent fuq is-sit soċjali *Facebook* u esprima rabja li nbdew dawn il-proċeduri.

Illi missier ir-rikorrenti, ċioe Emanuel Farrugia, xehed u ikkonferma dak li xehed David Farrugia.

Illi t-Tribunal għal darb' oħra josserva li l-intimat kien validament innotifikat u la ppreżenta Risposta u lanqas għamel xi sottomissjoni bil-miktub jew bil-fomm.

Illi r-rikorrent ippreżenta' kopji ta' ċekkijiet immarkati "Dok. DF1" u "Dok. DF2" bħala prova li huwa ħallas elfejn u seba' mitt Ewro (€2,700) lill-intimat. It-Tribunal josserva li madankollu, m'hemmx provi dokumentarji li jippruvaw li sar il-ħlas ta' sitt mitt Ewro (€600.00) bħala depożitu. It-Tribunal, iżda, josserva ukoll li ladarba l-ammont mitlub mir-rikorrenti tnaqqas (kif diġà spjegat), mhux neċessarju li wieħed jidħol f'dan id-dettal.

Illi mix-xhieda tar-rikorrenti David Farrugia u ta' missieru, Emanuel Farrugia, jidher ċar li l-intimat wiegħed li kien ser jagħmel xi xogħlijiet u fil-fatt għamel ħafna inqas minn dak li kien mitlub. Jidher li għalkemm huwa tħallas tlett elef u tlett mitt Ewro (€3,300), il-valur tax-xogħol li sar kien ta' tmien mija u erbatax-il Ewro u tmienja u sittin ċenteżmu (€814.68). Inoltre, l-intimat qatt ma rritorna l-ammonti żejda mħallsin u wara xi żmien, dan informa lir-rikorrent li ma kienx ser jaħdimlu.

Illi fid-dawl tal-istima tal-valur tax-xibka li xtara l-intimat u li skont ir-rikorrent David Farrugia tiswa' madwar tlitt mija u erbgħin Ewro (€340.00), liema xibka nżammet mir-rikorrenti, it-Tribunal huwa tal-fehma li jkun ġust u ekwu li dan l-ammont jitnaqqas mit-talba kif imnaqqsa skont il-verbal tas-seduta tal-21 ta' Ġunju 2018.

Illi għalhekk, it-Tribunal huwa sodisfatt li t-talbiet tar-rikorrenti jimmeritaw li jiġu milqugħa parzjalment.

**Deċide**

Għaldaqstant, għar-raġunijiet spjegati, wara li ra l-Kap. 378 tal-Liġijiet ta' Malta u wara li ħa konjizzjoni taċ-ċirkostanzi tal-każ, it-Tribunal jaqta' u jiddeċiedi billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti fis-sens kif taht jinghad u għalhekk jordna lill-intimat sabiex iħallas lir-rikorrenti s-somma ta' elfejn, erbgħa mija, ħamsa u tmenin Ewro u tnejn u tletin ċenteżmu (€2,485.32).
It-Tribunal jordna li l-ispejjeż kollha konnessi mal-każ għandhom jitħallsu mill-intimat.

Richard Sladden Av.
Arbitru